# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA



**Ġ5.3.2**

Nesploraw xi diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom is-sajjieda f'pajjiżna.

## A. Wieġeb billi timla l-vojt jew timmarka l-kaxxi bis-sinjal ✓.

1. Semmi diffikultà li jiltaqa' magħha kull sajjied Malti u Għawdxi.



___________________________________

___________________________________

___________________________________

2. Diffikultà ta' sajjied *full-time* hija li



| | |
|---|---|
| s-Sibt ma jistax jaħdem | |
| ma jistax joħroġ jistad is-sena kollha | |
| x-xbieki jitqattgħu malajr | |
| Marsaxlokk jiġu ħafna turisti | |

3. Semmi ħuta waħda li tinqabad ħafna mis-sajjieda Maltin u Għawdxin.

___________________________________________________________

4. Ħafna mill-ħut maqbud mis-sajjieda Maltin

| | |
|---|---|
| jinbiegħ lill-Amerikani | |
| jinbiegħ il-pixkerija, fil-ħwienet tal-ħut u r-ristoranti | |
| mhux tajjeb għall-ikel | |
| jerġa' jintrema fil-baħar | |



5. Ix-xogħol tas-sajjied jista' jkun iebes ħafna. Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**B. Aqra u aħseb.**



**X'inhu x-xogħol tas-sajjied?**

Ix-xogħol tas-sajjied jibda fl-art, ħafna qabel ma joħroġ fuq il-baħar:

- ❖ Inaddaf, isewwi u jiżbogħ d-dgħajsa tas-sajd kull staġun biex iżommha dejjem fl-aqwa tagħha. B'hekk ma tkunx ta' periklu.
- ❖ Ineħħi dak kollu li jkun weħel ġox-xbieki u fin-nases, wara kull sajda.
- ❖ Isewwi wkoll xi ħsara li tkun saret fix-xbieki jew fil-luzzu.
- ❖ Jipprepara l-għalf li juża waqt is-sajd.
- ❖ Joħroġ ibiegħ il-ħut li jkun qabad.

Tajjeb ngħidu li n-numru tas-sajjieda dejjem qiegħed jonqos.



Is-sajjied jiltaqa' ma' ħafna problemi fuq il-baħar. Fost dawn il-problemi, insemmu:

- ❖ fil-baħar hemm ħafna riskji, fosthom maltemp li jiltaqgħu miegħu s-sajjieda;
- ❖ it-tbatija li fih ix-xogħol tas-sajd fuq il-baħar;

- il-ġranet sħaħ li s-sajjieda jagħmlu mifrudin mill-familji tagħhom;
- ġie li jagħmlu ġranet sħaħ fuq il-baħar u l-qabda ma tkunx tajba, bir-riżultat li jkunu għamlu ħafna spejjeż għalxejn;
- il-qbid ta' xi tipi, jew speċi ta' ħut qiegħed jonqos u għalhekk qed jonqos il-profitt/qligħ li jdaħħlu s-sajjieda;
- problema oħra hi li l-apparat tal-inġenji tal-baħar bħal GPS u Radar jiswew ħafna flus u kif ukoll id-dgħajsa stess trid ħafna flus biex iżżommha f'kundizzjoni tajba;
- problema oħra li jistgħu jħabbtu wiċċhom magħha s-sajjieda Maltin hija l-kompetizzjoni ma' sajjieda barranin bħall-Tuneżini u t-Taljani li jistgħu jkunu attrezzati ħafna aktar mis-sajjieda tagħna;
- pereżempju s-sajd għat-tonn isir bix-xibka mis-sajjieda Taljani u Tuneżini, iżda l-Maltin jistadu għalih bil-konz;
- għalhekk nistgħu ngħidu li t-Taljani u t-Tuneżini jaqbdu ħafna aktar ħut mis-sajjieda Maltin.

## Ċ. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi.

1. Is-sajd f'Malta kien minn dejjem mezz ta' ________________.



2. Hawn sajjieda li huma ________________ biss u jistadu bil-qasba.

3. Hawn aktar sajjieda li huma ____________ milli ________________.

4. Waħda mid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħha s-sajjieda hija...

________________________________________________________________

________________________________________________________________

5. Jintefqu ħafna flus fix-xiri ta' ___________________ u ___________________ tas-sajd.

## D. Ikteb VERU jew FALZ għal kull sentenza.

1. F'Malta s-sajd huwa komuni għax aħna mdawwrin bil-baħar ________
2. Il-Fgura huwa wieħed mill-postijiet tas-sajd l-aktar popolari ________
3. F'Marsaxlokk tara ħafna inġenji tas-sajd max-xatt ________
4. Ix-xogħol tas-sajjieda jiddependi ħafna fuq it-temp ________
5. Hawn iktar sajjieda *full-time* milli *part-time* ________

## E. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Meta toħroġ tistad b'dgħajsa żgħira (ma tistax, tista', jaqbillek) titbiegħed ħafna mill-art.
2. Min jistad bil-qasba juża l-ħarir u (xlief, zokk, mus) biex jistad.
3. Xi tfal jużaw (kopp, konz, kappell) biex jaqbdu l-ħut minn ħdejn il-baħar.
4. Bosta ħut maqbud mis-sajjieda Maltin jinxtara (mil-lukandi, mill-bdiewa, mill-gvern) minħabba t-turisti li jżuru Malta.
5. Is-sajjieda jkunu f'diffikultà meta jinqabdu (fix-xemx, f'maltempata, fis-sħana).